# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu 2020

**Rikors Numru : 509/2019 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**NC**

**vs**

**JM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' NC, datat 7 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena 1985 fil-knisja parrokjali tas-Siggiewi u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u immarkat bħala 'Dokument A'*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati sa' mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil, permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala Dokument B*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżewwġin.*

4. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*
    a. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u disgħin ( 1995)*
    b. *Tordna lir-reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-*Direttur *tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal datat 26 ta' Frar 2020 (fol 11) permezz ta' liema, wara li l-Qorti spjegat id-drittijiet legali tal-intimata, l-istess intimata informat lill-Qorti illi ma kellhiex oġġezzjoni għal dan id-divorzju waqt li l-attur obbliga ruħu li jħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri odjerni.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

NC xehed bl-affidavit, dok C, fol 9, illi hu ilu isseparat mis-sena 2012, li ma hemmx arretrati ta' manteniment u li ma hemm l-ebda possibilita illi jerġa jirranġa mal-mara.

NC xehed viva vice quddiem din il-Qorti (fol 12) illi huwa izzewweġ lil JM fis-26 ta' Mejju 1985 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maġorenni u jaħdmu. Illi huwa u martu issepparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-2012. Illi mid-data tal-iffirmar ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Arretrati ta' manteniment ma hemmx

JM xehdet (fol 14) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed NC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Mejju 1985 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal illum it-tnejn maġorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil datat 22 ta' Mejju 2012 (vide Dok. B fol 6 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tilqa t-talba kongunta ghall-akkorciment tal-perjodu ghal-appell ghal jumejn – vide fol 11.**

**Spejjes a karigu tal-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**